II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2456

**tat-18 ta' Diċembru 2017**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Shubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tistipula l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Shubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran ("PRIMA") li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri.

(2) Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija ("l-Alġerija") esprimiet ix-xewqa tagħha li tissieħeb fi PRIMA bħala Stat Parteċipant u fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) li jipparteċipaw fi PRIMA.

(3) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, l-Alġerija ssir Stat Parteċipant fi PRIMA soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Alġerija fi PRIMA.

(4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2209 ([3]) il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ("il-Ftehim") ġie ffirmat fis-26 ta' Ottubru 2017, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar 'il quddiem.

(5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

([1]) Kunsens tat-30 ta' Novembru 2017 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Shubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2209 tal-25 ta' Settembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Shubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L 316, 1.12.2017, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għanduj, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim ([2]).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. SIMSON

([1]) Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 316, 1.12.2017, p. 3 flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.